**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 4 ta` Ottubru 2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**Vs**

**Joseph Azzopardi**

**Kump Nru 296/2006**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Joseph Azzopardi detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 753355M gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer f'dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

a. Talli fl-istess cirkostanzi, ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b' tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqt pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhalt dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f' dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi ziedt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u aktar talli xejntement ghamel

uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza (dan bi ksur ta' l-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

b. Talli fl-istess cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat (dan bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) ;

c. Talli fl-istess cirkostanzi b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ngann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm1,000, bi hsara ta' George Spiteri u l-kumpanija 'G Spiteri & Sons Ltd.' (dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

d. Approprijajt ruhek, billi dawwart bi profitt ghalik jew ghal persuna ohra minn diversi flejjes li jeccedu is-somma ta Lm1,000, liema flejjes kienu jappartjenu lill George Spiteri u l-kumpanija 'G Spiteri & Sons Ltd,' u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilek, minhabba kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghek, taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu specifikat mill-imsemmija flus (dan bi ksur ta' l-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Rat l-atti u d-dokumenti u l-evidenza kollha rizultanti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa;

Rat ir-rinvio a giudizio ta' l-Avukat Generali tat-12 ta' Settembru 2008 (ara folio 143) u l-kunsens ta` l-imputat sabiex il-kawza tissokkta u tigi deciza bir-rit sommarju moghti fl-udjenza tas-7 ta' April 2014 (ara folio 215);

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat;**

Illi dak li rrizulta, in succinct, f'dan il-kaz kien is-segwenti.

1. Dr. Thomas Abela xehed fis-7 ta' Jannar 2008 (a folio 21 et seq) u kkonferma li huwa jirrapprezenta lis-Socjeta 'G Spiteri and Sons Ltd,' u li kien hemm kuntratt datat 4 t'April, 2001 ghax-xiri ta' magna minghand Marmista Ltd (rapprezentata mill-imputat). Fuq il-kuntratt, Spiteri kien halla Lm15,000. Il-magna kienet bdiet tigi manifatturata mis-socjeta estera CMG SRL. Il-magna kellha tigi kkonsenjata f'Ottubru tal-isess sena. B'kollox, il-magna kellha tiswa Lm50, 000.

   Ix-xhud jaghti 'overview' tal-korrispondenza li kienet ghaddejja bejnu ghan-nom ta' Spiteri, l-imputat ghall-Marmista Ltd, u CMG SRL. Beda wkoll jikkorrispondi direttament ma' CMG SRL. Ix-xhud esebixxa numru sostanzjali ta' kopji ta' dokumenti in sostenn tad-deposizzjoni tieghu. Finalment jaghmel referenza ghall-fatt li lill-imputat kienu ghaddewlu l-Lm50,000 kollha, plus xi Lm4,000 ohra. U peress illi l-Lm15,000, Spiteri kien hallashom direttament lil CMG SRL, gie li l-imputat kellu jirritorna is-somma ta' Lm39,000.

   Ix-xhud ghamel referenza wkoll ghall-fatt li l-imputat kien hareg cekk fis-somma ta' Stg.66,000 favur CMG SRL, liema cekk ma kienx gie onorat peress li l-kont relattiv kien gie maghluq. Ix-xhud irrefera wkoll ghall-fatt li kien hemm ukoll kawza civili fil-Qrati Maltin;

2. Is-Supretendent Alexandra Mamo, fid-deposizzjoni taghha tas-7 t'Ottubru, 2008 (ara folio 65 et seq), tixhed estensivament dwar l-investigazzjonijiet kondotti mill-Pulizija malli gew a konjizzjoni ta' l-ilment

li kien qed jaghmel George Spiteri kontra l-imputat. Hija wkoll esebiet, inter alia, l-istqarrija tal-imputat (dok 21 a folio 71 et seq);

3. George Spiteri xehed fit-28 ta' Jannar 2008 (ara folio 78 et seq) u spjega li hu jahdem bis-socjeta G. Spiteri and Sons Ltd, u l-fabbrika li taghmel xoghol tal-irham tinsab Imdina Road, Qormi. Huwa l-uniku direttur. Minghand l-imputat kien jordna xi xoghol tal-irham u kellu bzonn magna li tippolixxja l-kumenti tal-irham u inkariga lill-imputat biex igiblu din il-magna li kienet tiswa Lm52,000. Marru l-bank biex isir transfer ta' Lm15,000 fuq l-imputat peress li kien qal lil Spiteri li hu (l-imputat) huwa l-agent. L-imputat kien qallu li l-kumpanija hija CMG ta' Verona. U allura, dawn il-Lm15,000, gew trasferiti minnufih fuq il-kumpanija CMG.

Imbaghad ix-xhud spjega li kien hemm tlett cekkijiet ta $22,000. Cekk inghata lill-imputat minn xi hadd minn uliedu u cekk tah hu stess lil Giovanni Faccioli gewwa Verona.

Tah ukoll l-ahhar pagament ta' Lm4828, u b'hekk il-magna kienet imhallsa kollha.

L-imputat, dejjem iweghedu li l-magna ser tasal.

Imbaghad ix-xhud sar jaf li l-imputat kien ircieva lura fil-kont tieghu il-Lm15,000 minghand it-taljani ghax kien qalilhom li l-magna ma ridhiex il-klijent.

Ix-xhud jispjega li s-sur Giovanni Faccioli kien jghidlu li l-uniku pagament li rcievew kien ta' $22,000, filwaqt li l-imputat kien jghidlu li hu kien hallas kollox u li kien ser jiftah kawza fl-Italja kontra CGM SRL.

Stqarr ukoll li l-imputat kien qallu li certi pagamenti kien tellaghhom cash u tahom lil certu Massimo, li vera kien jezisti fi hdan il-kumpanija ta'

Verona. Jidher illi dan Massimo kien qallu li c-cekkijiet ta' Stg.66,000 ma ssarfux.

B'kollox, ix-xhud jghid li hareg :
Lm15,000
Tlett cekkijiet ta' $ jew Stg.22,000 u
Lm4,828

Darba dan Massimo kien qallilhom li l-magna, din il-gimgha, tkun ghandek.

4. Rega xehed George Spiteri fit-12 ta' Novembru 2010 (ara folio 158 et seq) fejn ipprezenta prospett - dok 26 a folio 162 - li jispjega l-ammonti ta` flus li hu hareg u kien ghadda lill-imputat. B'mod aktar car jispjega illi effettivament, minghand l-imputat ghandu jiehu lura :
Lm15,000 - €34,940.60
Lm4,282 - €9,975.00
$44,000 - €48,280.17
Total - €94,459.59
(ara folio 164);

5. Xehed ukoll iben George Spiteri, certu Gino Spiteri fit-18 ta' Jannar 2011 (ara folio 169 et seq), li bazikament jaghti sostenn lid-deposizzjoni ta' missieru;

6. Xehed l-espert nominat mill-Qorti, Martin Bajada, fis-6 ta' Mejju 2011 u esebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala dok 29 a folio 181 et seq. Huwa kkonkluda illi mill-analizi li sar bejn dok 22 u dok 24, irrizulta illi t-timbru u l-firma fuq dok 24 ma humiex originali u li t-timbru u l-fima f'dok 24 huma kopja tat-timbru u l-firma li jinsabu f'dok 22;

7. Xehed imbaghad minn jeddu l-imputat Joseph Azzopardi fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2015 (ara folio 222 et seq) u esebixxa xi dokumenti. Id-deposizzjoni tal-imputat hija wahda estensiva u certament mhux ser tigi riprodotta hawnhekk. Li hu zgur hu li l-Qorti flietha bir-reqqa.

In succint l-imputat jiddikjara illi ghal dak li kellu x'jaqsam hu, il-pagamenti li ghaddew ghandu minghand Spiteri dejjem imbaghad ghaddew ghand CGM SRL. Dak il-pagament, li ma kellux x'jaqsam mieghu hu, kien effettivament sar minn naha ta' George Spiteri direttament lil CGM SRL. L-imputat jiddikjara li ghalhekk il-magna kienet imhallsa kollha u ma jistax jifhem kif qatt ma giet ikkonsenjata lil Spiteri. Huwa jichad ukoll li kien hu li zamm xi flejjes ghalih; jichad ukoll li dok 24 kien falz b'xi mod.

Jiddikjara illi hawn Malta, Spiteri fetahlu kawza lill-imputat u rebahielu. Filwaqt li hu (l-imputat), ghadu qed jistenna din il-kawza kriminali tinqata qabel jiftah kawza gewwa l-Qorti Taljana kontra CGM SRL. L-aktar li jinteressah l-imputat hija r-reputazzjoni tieghu.

Ix-xhud jistqarr li hu ghandu x-xhieda li jrid iressaq biex juri lill-Qorti li dak li qed jghid hu minnu. Isemmi partikolarment lil certu Angelo Sciberras li presumibbilment kien akkompanjah gewwa l-fabrika CGM SRL gewwa l-Italja u kien xhud tal-fatt li l-imputat ghadda somma sostanzjali ta' flus kontanti lil certu Massimo bhala pagament ghall-magna in kwistjoni.

8. Xehed in difesa, Angelo Sciberras fl-udjenza tal-15 t'Ottubru 2019 u filwaqt li jispjega kif kien jaf lill-imputat, u li jikkonferma li kien gieli jghinu meta jkun gewwa l-Italja, u li kien anki akkompanjah ghand xi fabbrika rigwardanti magna ta' l-irham, ix-xhud jichad kategorikament li hu kien jidhol jew li qatt dahal mal-imputat u li qatt ra xi trasferiment fiziku u

materjali ta' flus minghand l-imputat lejn xi individwu tas-soecjta CGM SRL

Dan kien bazikament dak li rrizulta f'dan il-kaz.

Ikkunsidrat;

Illi minn ezami akkurat tal-Atti, il-Qorti hi tal-fehema li r-rizultanzi processwali gabu lill-imputat, legittimament, passabbli ghall-imputazzjonijiet kif migjuba fil-paragrafi (a), (b) u (d) – apparti falsifikazzjoni ta` dokument, u uzu ta` tali dokument falz, huwa principalment ircieva flus li bihom kellu jaghmel xi haga specifika u dan effettivament l-imputat ma ghamlux - u hu lanqas irritorna lura tali flus li ma ntuzawx ghall-iskop miftiehem. Minn naha l-ohra, r-rizultanzi processwali zgur li ma jammontawx ghar-reat ta' frodi kif migjub fil-paragrafu (c).

**Ikkunsidrat;**

Illi in tema ta' sanzjoni, din il-Qorti tqis illi r-reati li taghom qed jinstab hati l-imputat, huma reati serji.

Minn naha l-ohra, fil-kuntest ta` din l-istess materja, din il-Qorti qed tqis ukoll dawn iz-zewg fatturi segwenti u cioe':

(i) li bis-sahha tal-kawza fl-ismijet "George Spiteri f'ismu personalment u f'isem u in rapprezentanza tad-ditta G. Spiteri & Sons Ltd Vs Marmista Limited u Joseph Azzopardi" – Prim`Awla, deciza fl-10 ta' Lulju 2014, (citazzjoni Numru 409/2002/1 AF), il-pendenza finanzjarja bejn l-imputat u George Spiteri u/jew G. Spiteri and Sons Ltd giet definittivament indirizzata; u

(ii) li skont il-verbal tal-udejnza tat-2 ta’ Dicembru 2011 (ara folio 201 tal-atti), fil-prezenza tal-partijiet kollha gie ddikjarat “illi bejn l-akkuzat u l-parti civili sehhet transazzjoni ghal pagament tad-debitu u ghalhekk il-parti civili m’ghandiex aktar interess f’din il-kawza”

Ghal din il-Qorti, dan ifisser li l-pendenza civili li kien hemm bejn il-kontendenti, ukoll il-mertu ta’ din il-kawza, giet definittivament rizolta.

**Decide;**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 183, 184, 189, 293, 294, 308, 309, 310, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

1. issib lilll-imputat mhux hati tal-imputazzjoni fil-paragrafu (c), dik ta’ frodi, u minnha tilliberah skond il-ligi, izda;

2. ssibu hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet kif dedotti u, minflok piena, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien tlett snin millum u dana ai termini ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta; il-Qorti fehemet lil Joseph Azzopardi, bi kliem car u li jinftiehem, il-portata ta` din l-Ordni;

3. In oltre, tordna lill-imputat ihallas is-somma ta’ €405.40 lir-Registratur in konnessjoni mal-hatra tal-espert Martin Bajada (ara folio 184, fuq wara tal-pagna) u dan bis-sahha tal-artikolu 533 tal-Kap 9.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur